QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

(SEDE SUPERJURI)

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 26 ta' Frar 2020**

**Att ta' l-Akkuza numru:15/2018**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Omissis**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fis-07 ta' Settembru 2018 kontra Omissis li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta :

> Fl-**Ewwel Kap**, illi, nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Pulizija Ezekuttiva ġiet infurmata da parti tac-*Child Protection Services* illi kienu għadhom kemm irċevew *referral* mill-iSkola

B, li fiha kien hemm indikat li A, ta' erbatax (14)-il sena, kienet irrapurtat diversi inċidenti t'abbuz sesswali li kienu allegatament seħħew fuqha da parti tal-kuġin tagħha Omissis;

Illi, A ġiet mitkellma mill-Pulizija u sussegwentement anke xehdet *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fejn fost oħrajn, hija stqarret li kienet abbuzata sesswalment mill-akkuzat Omissis minn mindu hija kellha sebgħa (7) snin sa ma għalqet l-erbatax (14) il-sena. *In oltre*, hija kompliet tistqarr li dan l-abbuz kien isir fir-residenza tan-nanna tagħhom ġewwa l-Marsa u li dan l-abbuz kien iseħħ ċirka darba kull ġimgħa. A stqarret ukoll li l-akkuzat Omissis kien bosta drabi jmissilha l-parti privata tagħha, anke minn fuq il-laħam, kif ukoll kien iġiegħlha tmiss il-parti privata tiegħu u saħansitra kien jaqbdilha jdejha u jtellaħilha l-fuq u jnizzililha l-isfel fuq il-parti privata esposta tiegħu;

Illi, A umbagħad għaddiet sabiex tirrakonta episodju partikolari ieħor fejn tgħid li darba fost l-oħrajn, meta hi kien għad kellha għaxar (10) snin, l-akkuzat Omissis kien tellagħha fuq il-bejt tar-residenza tan-nanna tagħhom u hemmhekk kien poġġiha fuq il-*washing machine*, b'dahra lejh u b'saqajha l-barra, kien neħħielha s-*shorts* u l-qalziet ta' taħt li kienet liebsa u kien għaddha sabiex jistupraha, u ċioe kellu konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu. Hija kienet weġġħat, għamlet xi ħoss, u hu, meta ra hekk, kien waqaf u qallha biex ma tgħid lil ħadd b'dak li kien seħħ;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li:

- Ġie kommess fuq minuri, kif ukoll
- Ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inkluzivament, kif ukoll
- Ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis, sar ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), ġewwa l-Gzejjer Maltin, **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (A)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq minuri, kif ukoll ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklusivament, kif ukoll li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill-imsemmija akkużat Omissis, ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), ġewwa l-Gzejjer Maltin, **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (A)**, b'dana

illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq minuri, kif ukoll ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklussivament, kif ukoll li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis, u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa erbgħin (40) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198, 202(g),202(h)(vii), 202(k), 208AĊ(2), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fit-**Tieni Kap**, illi, nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Pulizija Ezekuttiva ġiet infurmata da parti tac-*Child Protection Services* illi kienu għadhom kemm irċevew *referral* mill-iSkola, li fiha kien hemm indikat li A, ta' erbatax (14) -il sena, kienet irrapurtat diversi inċidenti t'abbuz sesswali li kienu allegatament seħħew fuqha *da parti* tal-kuġin tagħha Omissis;

Illi, A ġiet mitkellma mill-Pulizija u sussegwentement anke xehdet *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fejn fost oħrajn, hija stqarret li kienet abbuzata sesswalment ripetutatment mill-akkuzat Omissis minn mindu hija kellha sebgħa (7) snin sa ma għalqet l-erbatax (14) il-sena. Hija stqarret li matul dik il-medda ta' zmien, il-kuġin tagħha Omissis kien ġiegħlha tipparteċipa f'attivitajiet sesswali miegħu u dana ġewwa ir-residenza tan-nanna tagħhom ġewwa l-Marsa. *In oltre*, hija kompliet tistqarr li dan l-abbuz kien iseħħ ċirka darba kull ġimgħa bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). A stqarret ukoll li l-akkuzat Omissis kien bosta drabi jmissilha l-parti privata tagħha, anke minn fuq il-laħam, kif ukoll kien iġiegħlha tmiss il-parti privata tiegħu u saħansitra kien jaqbdilha jdejha u jtellaħilha l-fuq u jnizzililha l-isfel fuq il-parti privata esposta tiegħu;

Illi, A umbagħad għaddiet sabiex tirrakonta episodju partikolari ieħor fejn tgħid li meta hi kien għad kellha għaxar (10) snin, l-akkuzat Omissis kien stupraha, kif hemm stipulat fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuza;

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li:

- Ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklussivament, kif ukoll
- Ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe` fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena;
- Ġie kommess ripetutament; kif ukoll
- Ġie kommess minn membru tal-familja tal-vittma.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis sar ħati ta' talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' (A)**, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad irrespettivament, kif ukoll li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe` fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15)-il sena, kif ukoll ġie kommess ripetutament u kif ukoll li ġie kommess minn membru tal-familja tal-vittma.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi akkużat Omissis ħati talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' (*Omissis*)**, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad irrespettivament, kif ukoll ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe` fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15)-il sena, kif ukoll ġie kommess ripetutament u kif ukoll ġie kommess minn membru tal-familja tal-vittma.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn disa' (9) xhur sa' erbgħin (40) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 204Ċ, 208AĊ(1)(b), 208AĊ(1)(d), 208AĊ(1)(e), 208AĊ(2), 202(h)(vii), 202(j), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fit-**Tielet Kap**, illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkuzat Omissis, b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta' tas-sess femminili, u ċioe lill-kuġina tiegħu A;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, A stqarret li kienet abbuzata sesswalment b'mod ripetut mill-akkuzat Omissis minn mindu hija kellha sebgħa (7) snin sa ma għalqet l-erbatax (14) il-sena. Hija stqarret li l-kuġin tagħha Omissis kien iġiegħlha tippartecipa f'attivitajiet sesswali miegħu u dana ġewwa ir-residenza tan-nanna tagħhom ġewwa l-Marsa. *In oltre*, hija kompliet tistqarr li dan l-abbuz kien seħħ ċirka darba kull ġimgħa bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). A stqarret ukoll li l-akkuzat omissis kien bosta drabi

jmissilha l-parti privata tagħha, anke minn fuq il-laħam, kif ukoll kien iġiegħlha tmiss il-parti privata tiegħu u saħansitra kien jaqbdilha jdejha u jtellaħilha l-fuq u jnizzililha l-isfel fuq il-parti privata esposta tiegħu;

Illi, A stqarret li affarijiet ta' dan il-ġeneru sesswali hija qatt ma kienet esperjenzathom qabel u għaldaqstant ma kinitx taf jekk l-aġir tal-kuġin tagħha Omissis fil-konfront tagħha kienx wieħed tajjeb jew ħazin, pero' zgur li ma kinitx tieħu pjaċir bih. *Nonostante ċio*, Omissis ppersista b'dan l-aġir tiegħu fil-konfront tagħha;

Illi, A umbagħad għaddiet sabiex tirrakonta episodju partikolari ieħor fejn tgħid li meta hi kien għad kellha għaxar (10) snin, l-akkuzat Omissis kien stupraha, kif hemm stipulat fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuza;

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx it-tnax (12) il-sena;

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis sar ħati talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess femminili (A) b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li sar bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta' ta' tnax (12) il-sena.**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, akkuża lill- imsemmi akkużat Omissis ħati talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess femminili (A) b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li sar bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta' ta' tnax (12) il-sena.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Omissis, illi jiġi kkundanat **għal piena ta' priġunerija minn tlett (3) snin sa tnax (12) il-sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, u dana skont li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 203, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 fejn wara li rat l-artikoli 17, 31, 198, 202(h)(vii), 204C, ,208AC(1)(b), 208AC(1)(d), 203,

208AC(2), 383, 384, 385, 412C, tal-Kodici Kriminali, ddikjarat lill-akkuzat Omissis hati talli:

i. Bejn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), ġewwa l-Gzejjer Maltin, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (A), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklusivament, u mhux hati tal-aggravju li kkometta l-istupru fuq minuri kif ukoll li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe' fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15)-il sena.

ii. Bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' (A), b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad irrespettivament, kif ukoll ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe' fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15)-il sena, kif ukoll ġie kommess ripetutament u mhux hati talli ġie kommess fuq membru tal-familja tal-vittma.

iii. Bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess femminili (A) b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li sar bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta' ta' tnax (12) il-sena.

Wara li qieset is-suespost kkundannat lil hati Omissis ghall-perjodu komplessiv ta' ghaxar snin (10) prigunerija effettiva. Ordnat li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni (*recte* Trazzin) fl-isfond tal-artikolu 382A tal-Kap. 9 ghal tlett snin wara li l-hati jkun skonta t-terminu ta' prigunerija favur A. Ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma A ghal perijodu ta' tlett snin wara li l-hati jkun skonta t-terminu ta' prigunerija ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat li l-isem tal-hati jkun inkluz fil-lista ta' pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-akkuzat Omissis fl-01 ta' Frar 2019 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk indikati talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba

kontra tieghu, tiddikjarah mhux hati taghhom, u b'hekk tilliberah minn kull htija u piena; jew sussidjarjament, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta.

4. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ipprezentata fis-17 ta' Mejju 2019 fejn sahaq illi l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

5. Rat l-atti kollha tal-kawza.

6. Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

7. Illi l-appell intentat mill-akkuzat idur essenzjalment madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fejn jishaq illi fil-fehma tieghu l-verzjoni moghtija mill-vittma A qatt ma kellha tinghata affidament billi kien hemm numru ta' inkonsistenzi fix-xiehda taghha li allura irrendew tali verzjoni bhala wahda inverosimili. Illi kien minhabba f'din l-inverosimiljanza fit-testimonjanza tal-vittma illi huwa insista li kellu jigi moghti l-jedd li jressaq provi dokumentali konsistenti f'*screenshots* ta' *facebook posts* li dehru fuq il-pagna ta' dan is-sit intestat f'isem il-vittma li kienu prova korroborattiva mhux biss ta' dak li kien qed jikkontendi l-appellant fil-verzjoni tieghu tal-fatti izda wkoll kienu jitfghu dell ikrah fuq il-karattru xejn kredibbli u inaffidabbli ta' A. Jikkritika ghalhekk d-decizjoni tal-Ewwel Qorti meta din cahhdet it-talba tieghu sabiex jiġu eżebiti dawn il-*facebook posts* mix-xhud C, kontenenti kummenti minn l-allegata vittma fuq diversi *posts*, tal-akkużat u tal-istess C. Sussidjarament jilmenta illi l-piena erogata kienet wahda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkunsidrat:

8. Illi fl-ewwel aggravju migjub 'il quddiem mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu ntestat "*Applikazzjoni jew Interpretazzjoni Zbaljata tal-Ligi*", ghalkemm dan jidher maqsum f'iktar minn ilment wiehed, madanakollu fih essenzjalment

jikkritika d-decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti fejn din cahhdet it-talba tieghu matul il-kors tac-celebrazzjoni tal-guri illi jigu esebieti *screenshots* ta' *facebook posts* mix-xhud C. Dawn id-dokumenti gew indikati minnu fl-Elenku tad-Dokumenti ipprezentata flimkien mal-Lista tax-Xhieda wara in-notifika maghmula lill-akkuzat tal-att tal-akkuza, liema dokumenti, izda ma ġewx eżebiti fl-istadju preliminari flimkien ma' dan l-elenku. Fil-fehma tiegħu dawn kellhom jiġu eżebiti fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

9. Illi minn ezami tal-atti jirrizulta illi x-xhud C xehdet fis-seduta tat-08 ta' Jannar 2019 fejn fil-kors tax-xiehda taghha hija ghamlet referenza ghal xi kummenti li l-vittma kienet halliet fuq il-*facebook* u liema *posts* setghu jigu ikkonfermati billi jigu ezebieti xi *screenshots* tal-istess. Il-Prosekuzzjoni izda oggezzjonat ghall-ezebizzjoni ta' dawn id-dokumenti ghaliex ghalkemm issir referenza ghalihom fl-Elenku tad-Dokumenti ipprezentat mill-akkuzat, kif inghad, madanakollu dawn ma gewx ezebiti flimkien mal-imsemmi elenku kif hemm stipulat fl-artikolu 438(2)(ii) tal-Kodici Kriminali. Illi l-Ewwel Qorti qalet hekk fid-decizjoni taghha:

> **"Il-Qorti, rat l-artikolu 436(3)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u rat illi f'dan l-istadju m'huwiex fl-interess tal-gustizzja li tali dokumentazzjoni tigi esebita u dan peress illi l-prosekuzzjoni ma ghandiex il-possibilita' li taghmel il-kontrolli taghha dwar il-kaz.**

10. M'hemmx dubbju illi dokument illi ma jkunx ġie prodott fin-nota msemmija fl-artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali jista' jinġieb fil-qorti biss fit-termini stabbiliti fl-artikolu 440 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **"(3) Ebda xhud, dokument jew oġġett li ma jkunx ingħata fin-noti jew li ma jkunux ġew ippreżentati kif provdut fl-artikolu 438, ma jista' jinġieb fil-kawża mingħajr permess speċjali tal-qorti.**
>
> **"(4) Dan il-permess jingħata biss meta jinstab li l-prova hija rilevanti, u l-Avukat Ġenerali jew l-akkużat ma jkunx bata ħsara billi l-prova ma tkunx ġiet mogħtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-preżentata ma tkunx saret fiż-żmien speċifikat fl-artikolu 438.**
>
> **"(5) Iżda, jekk matul il-kawża jinstab li hu meħtieġ jew utili li jinstema' xi xhud, jew li wieħed ikollu taħt għajnejh dokument jew oġġett li ma jkunx**

**ingħata fin-nota minn ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tista' *ex officio* tordna li jissejjaħ ix-xhud u li tittieħed ix-xiehda tiegħu, jew li jinġieb id-dokument jew l-oġġett mhux imsemmi fin-nota."**

11. Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi huwa evidenti illi r-regola stabbilita bil-ligi hija li ebda dokument ma jista' jigi ipprezentat jekk mhux kif jinghad fl-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, fil-kaz tad-difiza, u fl-artikolu 590(2) fil-kaz tal-Prosekuzzjoni. Jekk id-dokument ma jkunx gie hekk ipprezentat, irid jinghata permess specjali mill-Qorti biex l-istess ikun jista' jigi esebiet fil-guri. Dan il-permess ghandu jigi moghti biss jekk il-prova tkun rilevanti u ukoll jekk il-parti l-ohra ma tkunx ser tbati xi hsara jew pregudizzju ghaliex dan ma jkunx gie prodott jew indikat qabel.

12. Ighid hekk il-Professur Giuseppe Cremona fil-ktieb tieghu "***Raccolta della Gurisprudenza sul Codice Penale***, li ghalkemm jitkellem dwar il-ligi penali kif kienet vigenti fil-bidu tas-seklu ghoxrin, u ghalkemm id-disposizzjoni tal-ligi in dizamina giet sostitwita permezz tal-Att LIII tal-1981, kif sussegwentement emendat, madanakollu fil-fehma tal-Qorti l-insenjament hemmhekk tramandat ghadu applikabbli ukoll ghal lum:

> ***"Sebbene per regola generale ..... nessun testimonio, documento od oggetto che non fosse dato in nota nel modo indicato nei precedenti paragrafi dello stesso articolo possa essere prodotto in giudizio, pure sifatta regola e' soggetta alla cauzione che un documento, testimonio od oggetto, benche non dato in nota, puo' essere con un speciale permesso della Corte prodotto in giudizio. E tale permesso si accorda solamente quando la Corte riconoscesse essere necessaria la produzione di tale testimonio, documento od oggetto e di non avere l'accusato od il prosecutore sofferto pregiudizio dalla omissione. ... la legge nella parte citata, parlando del pregudizio, contempla espressamente il pregudizio derivante talora dalla omissione e non quello derivante dalla produzione di documenti e di testimoni....***
>
> ***Cio' che la Corte non puo' permettere ... e' che una delle parti sia, nel giorno della discussione, sorpresa con un mezzo di prova contro cui non si e' potuta premunire per tempo; che sia violata la lealta' e la buona fede che devono reggere ogni discussione, e che per tale modo siano compromessi i reciproci diritti di accusa e difesa, e sia scomposta l'ordine dei giudizzi."***

13. Illi fil-fatt il-principju ta' l-"*equality of arms*" ghandu japplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza. Kull parti f'litigazzjoni ghandha tinghata kull opportunita' tressaq il-kaz taghha minghajr ma ebda parti tbati xi zvantagg

fil-konfront tal-parti l-ohra. B'dan ghalhekk li kull parti ghandu ikollha l-possibilita' li tkun taf x'inhi l-evidenza li ser tingieb 'il quddiem mill-parti l-ohra u li jkollha bizzejjed zmien biex tezamina kull dokument li ser jitressaq fil-qorti preventivament.

**14.** Illi l-Professur Cremona isostni illi din ir-regola tapplika bl-istess kejl meta, ghalkemm id-dokument ikun indikat fin-nota, madanakollu ma jigiex pprezentat fizikament mal-istess u dan ghaliex il-parti avversarja ma jkolliex bizzejjed hin biex tiddefendi ruhha fil-konfront tal-kontenut tal-istess.

**15.** Issa jidher mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti illi t-talba tad-difiza giet michuda billi l-parti l-ohra u cioe' il-Prosekuzzjoni kienet ser tbati pregudizzju minhabba illi l-ommissjoni tal-produzzjoni ta' dan id-dokument fiz-zmien stabbilit fil-ligi kien iwassal sabiex hija ma jkollha ebda kontroll fuq il-kontenut tal-istess meta lilha gie michud il-jedd li tezamina dan id-dokument qabel ic-celebrazzjoni tal-guri.

**16.** Id-difiza madanakollu tishaq illi l-kummenti li nkitbu mill-vittma fuq il-pagna tal-*facebook* tax-xhud C u tal-akkuzat saru fiz-zmien meta kien qed isir l-allegat abbuz. Illi din il-prova ta' dawn l-allegati kummenti kienet ser issir permezz tax-xiehda ta' C li kkonfermat dan il-fatt, izda ukoll u fuq kollox permezz ta' *screenshots* mehuda minn fuq is-sit tal-*facebook* mill-istess xhud. Illi huwa pacifiku illi d-difiza kienet taf b'din il-prova ghall-inqas miz-zmien meta giet ipprezentata n-nota bl-Elenku tad-Dokumenti u allura f'Ottubru tas-sena 2018, tlett xhur qabel ic-celebrazzjoni tal-guri.

**17.** Issa il-prova li qed tfittex biex taghmel id-difiza tenhtieg necessarjament grad ta' kontroll sabiex jigi accertat l-awtenticita' mhux biss tad-dokument esebiet izda ukoll u fuq kollox tal-veracita' tal-kontenut tieghu u l-awtur tal-istess. Fotokopja ta' *screenshot* minn fuq pagna ta' sit elettroniku bhal ma hu l-*facebook* minghajr ma jkun hemm verifika mhux biss tal-awtur tal-*post* li qed issir referenza ghaliha, izda ukoll tad-data u tal-provenjenza tal-istess mhijiex prova sufficjenti skont il-ligi. Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dokumenti li ma tistax tigi ivverifikata l-awtenticita' u/jew l-provenjenza taghhom. Din mhijiex prova valida.

Illi bil-fatt illi d-difiza ma hasbitx sabiex tressaq din il-prova u cioe' dan id-dokument fl-istadju opprotun u cioe' fl-istadju meta kellu jsir dan skont il-ligi wassal sabiex fl-istadju inoltrat tal-guri u cioe' fl-istadju tal-provi tad-difiza kien ser ikun impossibbli sabiex mhux biss l-parti l-ohra tkun tista' tezercita xi forma ta' kontroll fuq tali prova, izda kien ser jkun imposibbli ukoll ghal Qorti li taccerta ruhha mill-validita' tal-istess.

**18.** Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha takkorda t-talba tal-appellant sabiex jigu ezebiti dawn id-dokumenti issa fi stadju ta' revizjoni, il-valur probatorju taghhom huwa wiehed *de minimis* jekk mhux addirittura inezistenti billi kif inghad ma jista' qatt jigi stabbilit l-awtenticita' tal-istess. Illi r-regola stabbilita permezz tal-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali[1] ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova, allura fil-konfront tal-akkuzat ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi b'dan illi huwa ghandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Illi ghalhekk il-prova li qed ifittex biex jaghmel l-appellant issa f'dan l-istadju ta' revizjoni, u anke tazzarda tghid il-Qorti quddiem il-Qorti Kriminali, ma jilhaqx dan il-grad tal-prova meta kif inghad il-valur probatorju ta' dik il-prova hija wahda fjakka. Illi huwa ghal dan il-ghan illi l-legislatur sahansitra fi stadju kumpilatorju jaghti l-opportunita' lid-difiza illi taghmel kontro-ezami lix-xhieda tal-prosekuzzjoni jew li tipproduci xhieda u provi godda u li l-istess jigu ippreservati, kif stabbilit fl-artikolu 405(5) tal-Kodici Kriminali.

**19.** Illi minn dan jemergi illi l-prova li qed ifittex biex jaghmel l-appellant f'dan l-istadju mhijiex wahda li fl-assenza taghha izzomm il-gudizzju milli jsir fil-konfront tal-appellant billi talli prova issa ma ghandha ebda valur probatorju. Dan ghaliex l-omissjoni tal-produzzjoni ta' tali dokument wassal sabiex issa l-ebda kontroll ma jista' jigi ezercitat fuq il-kontenut tieghu. Fuq kollox il-prova li qed

[1]"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti",

ifittex illi jaghmel l-appellant, u cioe' li l-vittma kienet qed tghaddi kummenti fuq dawn il-*facebooks posts* fiz-zmien li sehh l-allegat abbuz li jistghu jkunu ndikattivi ta' inkonsistenzi fix-xiehda taghha tali illi ixejjnu l-veracita ta' dak minnha allegat fil-konfront tal-appellant, setghet issir mhux biss bix-xiehda ta' C li rat u qrat dawn l-kummenti, izda ukoll billi l-vittma tigi kkonfrontata b'dan il-fatt matul il-kontro-ezami taghha, kif jidher li fil-fatt sehh.

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.**

Ikkunsidrat:

**20.** Illi fit-tieni aggravju kontenut fir-rikors tal-appell l-appellant jilmenta minn apprezament zbaljat tal-provi, maghmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza mpunjata. Illi bhala preambolu l-Qorti tfakkar illi hija l-prassi fid-dawl ta' ġurisprudenza tal-qrati taghna, li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min jkun iġġudika l-fatti:

> **"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.[2]"**

**21.** Illi sabiex taqdi din il-funzjoni, l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali, inkluzi dawk kumpilatorji minn fejn jemergu is-segwenti fatti probatorji.

**22.** Illi nhar is-17 ta' Novembru 2017 il-pulizija tal-iSkwadra kontra l-Vizzji rċevew rapport mill-Agenzija Appoġġ dwar allegat abbuz sesswali fuq minuri. Il-minuri A ta' erbatax-il sena, li kienet tattendi l-kullegg B, fethet qalbha mal-*counsellor* D u l-*guidance teacher* E fejn kixfet il-fatt li kienet ġiet abbużata sesswalment fuq medda ta' snin mill-prim-kuġin tagħha Omissis, l-appellant. Il-pulizija tkellmu mal-minuri flimkien mal-ġenituri tagħha, fil-preżenza tas-*social*

---

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt App.Krim. Sup. Deciza fl-1 ta' Dicembru 1994,

*workers*, fejn stqarret illi l-abbuż kien beda mill-eta` ta' madwar sebgha (7) snin meta l-appellant kellu sbatax-il sena. Dan l-allegat abbuz sehh fir-residenza tan-nanna li ghandhom in komun bejniethom.

**23.** Il-minuri tirrakonta illi l-ewwel tokkamenti sehhew meta l-appellant daħal fis-sodda flimkien maghha w beda jmissilha koxxitha u l-parti privata tagħha. Dawn it-tokkamenti komplew u ziedu fil-frekwenza u fid-doża. Dan l-abbuż kien isehh fid-dar tan-nanna materna fejn kienu jkunu regolarment peress illi l-familja kellha d-drawwa li jiltaqghu f'dan il-post, bit-tfal spiss jorqdu hemm speċjalment fis-sajf meta ma kienx ikollhom skola. Il-vittma tindika illi l-abbuż kien iseħħ filwaqt li kien ikun hemm persuni oħra fl-istess residenza iżda li, fil-parti l-kbira, kienu jkunu qedgħin jistrieħu fi kmamar oħra fl-istess residenza peress illi kien ikun il-hin ta' wara nofs in-nhar.

**24.** Tiddeskrivi abbuz iehor li kien isehh meta l-appellant kien igieghlha tmissu fuq il-virga maskili tieghu biex taghtih pjacir sesswali liema azzjoni kienet spiss tispicca b'eġakulazzjoni. F'okkazzjonijiet ohra l-vittma tallega illi l-appellant kien jippenetraha b'subgħajh. Tghid li l-appellant kien wissieha sabiex ma titkellem ma' hadd dwar dan l-abbuz. Meta il-minuri kellha għaxar snin, tallega illi hija giet stuprata mill-appellant u dan meta kien ħadha fil-kamra tal-*washroom* fuq il-bejt tar-residenza tan-nanna, poġġieha wiċċha 'l isfel fuq il-*washing machine*, nizzlilha l-qalziet u ppenetraha. Izda hekk kif bdiet tgħajjat bl-ugigh, iddesista. Tghid li din kienet l-unika darba fejn kien hemm kongungiment karnali. Kien ukoll jipprova igieghlha taghmel sess orali mieghu iżda hi kienet tirrifjuta li tmur oltre.

**25.** Il-minuri tirrakonta li billi kienet ta' eta' tenera ta' sebgha snin meta beda l-abbuz, kien ghadu ma kellha l-ebda gharfien dwar is-sesswalita' taghha u allura ma kenitx taf tirresisti ghal dan l-agir, u fuq kollox li l-istess kien wiehed devjanti u kriminuz. Tghid li kisbet dan l-gharfien meta giet mghallem dwar is-sesswalita' taghha mill-iskola u kienet anke tkellemet dwar l-esperjenzi taghha mal-ħbieb. Tammetti li l-appellant qatt ma uża xi forma ta' vjolenza maghha u lanqas kellu jrazzanha sabiex iccedi ghall-attenzjonijiet tieghu u saħansitra tistqarr li kien hemm okkazzjonijiet fejn ħadet pjaċir bl-attenzjonijiet tieghu. Biddlet il-fehma

taghha izda meta ghalqet madwar hdax-il sena u irrealizzat li kienet qed tiġi abbużata sesswalment. Sahansitra tammetti li kien hemm inċident meta kienet hi li avviċinat lill-appellant u stednitu biex imissha intimament u hi irreciprokat u messet lilu wkoll, iżda wara kien iddispjacieha u ma reġghetx għamlitha. L-aħħar abbuż allegatament seħħ f'Settembru 2017 meta l-vittma kellha erbatax-il sena u ċioe madwar xahar jew xahrejn qabel ma tkellmet mal-pulizija u dan filwaqt li hi kienet qed tipprova traqqad lil kuġini tagħha tewmin. Tirrakonta illi l-appellant daħal taħt il-friex magħhom u ġibdilha waħda minn idejha biex iqiegħed l-istess fuq il-parti privata tiegħu. Tghid li rreżistiet iżda hu uża s-saħħa u b'hekk kellha ċċedi. Tispjega wkoll illi l-appellant kien iteptpilha fuq idejha u fuq saqajha bħala sinjal sabiex tmissu b'mod intimu.

**26.** Il-vittma tistqarr illi hi qatt ma tkellmet qabel peress illi kienet tibża' li ser tkisser il-familja komuni taghha u tal-appellant u sabet il-kuraġġ tikxef dak li kien għaddej meta l-għarus li kellha fi żmien li ghamlet ir-rapport inkoraġiha tiftaħ qalbha mal-*guidance teacher* tal-iskola. Illi l-vittma tkellmet ukoll ma' żewġt iħbieb[3] tagħha, liema fatt ġie kkonfermat minnhom fix-xiehda taghhom.

**27.** Illi meta mitkellem mill-pulizija l-appellant jiċħad illi huwa abbuza mill-kugina tieghu, kif allegat. Jikkonferma madanakollu l-inċident meta l-minuri A kienet qed tipprova traqqad lil kugini t-tewmin meta hu daħal ħdejhom fis-sodda, izda jsostni illi fl-ebda hin ma mess ma' kugintu billi kien hemm it-tewmin bejniethom, ghalkemm kienu qed jħarsu lejn xulxin. Jichad madanakollu illi dak in nhar sehh xi abbuz kif allegat mill-minuri. L-appellant jirrilaxxja żewġ stqarrijiet awdjo-vizivi fejn jiċħad dak allegat fil-konfront tiegħu. Jgħid ukoll illi hu prezentement qiegħed f'relazzjoni serja ma' tfajla oħra u ilu magħha għal diversi snin.

Ikkunsidrat:

[3] Ara ix-xhieda ta' Lacey Bonello u Cherise Briffa li xehed nhar il-15 ta' Mejju 2018 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja permezz ta' registrazzjoni awdjo-viziva kontemporanja, liema xhieda, kif ukoll dik traskritta tal-istess tifforma parti ntegrali tal-provi prodotti fil-konfront tal-appellant f'dan il-każ. Ara folio 170 u 177 tal-atti tal-istruttorja.

**28.** Illi l-appellant jinsab mixli b'mod ewlieni fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza bir-reat tal-istupru aggravat. Illi sabiex jissussisti r-reat tal-istupru bhal kull reat iehor jehtieg il-presenza ta' l-element kemm materjali kif ukoll formali, bl-att materjali allura jkun il-kongungiment karnali kontra il-volonta' tal-vittma. Illi maz-zmien dan il-kongungiment karnali nghata tifsira aktar wiesgha minn dik tradizzjonali sabiex b'hekk illum din tinkludi l-icken bidu ta' konnessjoni karnali bl-inseriment forzat tal-pene maskili f'wahda mit-tlett orefici intimi tal-persuna – u cioè il-halq, il-vagina u l-anus kemm bejn nies tas-sess oppost, kif ukoll bejn dawk tal-istess sess. Illi dawn l-elementi ta' dritt gew esposti b'mod erudit mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u a skans ta' repetizzjoni il-Qorti taghmel taghha l-insenjament hemmhekk tramandat u ma ghandha xejn x'izzid aktar ma'l-istess.

**29.** L-appellant, kif inghad, isostni illi dan l-att inkriminatorju ma sehhx kif jichad ukoll illi huwa qatt abbuza mill-minuri. Biex isostni it-tezi tieghu iressaq zewg argumenti difensjonali, bl-ewwel wahda tkun dik li jipprova jiskredita lil vittma bix-xhieda ta' diversi nies li isostnu illi l-karattru tal-minuri huwa tali li ma joffriex affidament lil min hu imsejjah biex jizen il-verosimiljanza tax-xiehda taghha. Ukoll iressaq prova dwar il-fatt illi l-minuri baqghet b'kuntatt ta' hbiberija mieghu tant illi anke kienet tikkumenta fuq *facebook posts* b'mod pozittiv biex b'hekk ma kienx hemm evidenza ta' biza' jew stmerrija fil-konfront tal-appellant, sinjali li fil-fehma tieghu kienu jkunu evidenti li kieku hija kienet vittma ta' abbuz.

**30.** Illi l-vittma minn naha l-ohra zzomm ferm mal-verzjoni originali minnha moghtija b'dan ghalhekk illi ma hemm ebda prova ohra fl-atti li toffri evidenza diretta tal-atti inkriminatorji minnha allegati. Illi ghalkemm xehdu diversi membri ta' din il-familja din ix-xiehda kienet limitata biex titfa' dawl fuq il-karattru tal-vittma li giet deskritta bhala tifla supperva, ambizzjuza żżejjed jew għajjura. B'dan illi dawn ix-xhieda ma setghu jaghtu ebda informazzjoni dwar il-kredibbilta' o meno ta' dak allegat minn A fil-konfront tal-kuġin tagħha, l-appellant. Illi x-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni jirrakontaw biss dak li stqarret

maghhom il-vittma meta rrakontat l-esperjenza taghha minn taht idejn l-appellant.

31. Illi dawn il-kazijiet ta' abbuz u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji jkunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni direttament involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Ma jigriex spiss illi jkun hemm xiehda ohra diretta ghall-event kriminuz, hlief f'dawk l-okkazzjonijiet meta jkun hemm aktar minn vittma wahda tal-abbuz. Huwa minn ewl id-dinja illi l-aggressur jichad illi kkometta l-azzjoni nkrimanti u gjaldarba huwa prezunt innocenti, hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova ixxejjen din ic-cahda ta' htija. Illi allura xoghol l-awtorita' gudikanti hija dik li tistabbilixxi l-verosimiljanza ta' dak mistqarr mix-xhieda billi fost ohrajn tosserva l-komportament taghhom fuq il-pedana, oltre li tanalizza l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghhom jew il-verzjonijiet minnhom moghtija. Illi minn qari tas-sentenza appellata huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti ghamlet dan l-ezercizzju b'mod akkurat u dettaljat.

32. Illi madanakollu din l-Qorti kellha x-xorti mhux biss li tkun moghnija bid-deposizzjoni awdjo-viżiva tal-allegata vittma A, kemm dik rilaxxjata quddiem il-Qorti Struttorja kif ukoll dik moghtija quddiem il-Qorti Kriminali, izda wkoll l-verzjoni awdjo-viziva tal-appellant meta huwa gie interrogat mill-pulizija u ghalhekk kienet f'posizzjoni taghmel revizjoni tal-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti meta wieznet il-kredibbilita' taz-zewg protagonisti involuti f'din il-vicenda kriminuza.

33. Illi meta ezaminat id-deposizzjonijiet tal-minuri moghtija fil-qorti, kif inghad, osservat illi bejn dawn iz-zewg verzjonijiet ftit li xejn setghet tirriskontra xi diverġenzi u li dawn id-differenzi fil-fehma taghha m'humiex determinanti ghar-rakkont fil-kwadru kollu tieghu tal-allegat abbuz. Titbieghed il-minuri mill-verzjoni moghtija fl-Istruttorja biss fir-rigward tal-mod kif l-appellant kien ighamlilha sinjal illi xtaq imissha intimament u ukoll fir-rigward tal-frekwenza tal-episodji ta' allegat abbuz. Ziedet episodju iehor fl-istadju tal-guri meta ammettiet minn jeddha illi kien hemm okkazzjoni meta kienet avvicinat lill-appellant hi stess ghal pjacir sesswali. Dan maghdud madanakollu, u ghalkemm

kif inghad fl-istadju tal-Istruttorja hija ma kenitx giet mistqosija fuq dan l-episodju, jirrizulta illi *a tempo verġine*, meta A kienet tkellmet mal-pulizija hi kienet irrakontat dan l-inċident partikolari u kwindi ma jidhirx li hi b'xi mod kienet ħbiet jew iffabrikat dan il-fatt, bħalma lanqas ma ħbiet il-fatt illi wara dan l-għemil hi kienet ħassitha ħażin ħafna. Illi ghalkemm l-assistenti socjali ndikaw li meta giet mitkellma minnhom il-minuri kienet stqarret li dan l-incident sehh proprju ftit taz-zmien qabel ma sar ir-rapport, imbaghad meta tixhed fil-guri tispostja dan l-avveniment ghal ftit snin qabel, tant illi tghid li sussegwentement kienet għamlet perijodu ta' żmien ma tersaqx lejn ir-residenza tan-nanna tagħha, ġeneralment bl-iskuża li kellha tagħmel il-*homework*.

**34.** Illi hija il-fehma tal-Qorti illi dawn id-diskrepanzi mhumiex tali illi jxejnu t-teżi tal-allegata vittma. Dan qed jingħad peress illi l-vittma baqgħet konsistenti għal dak li jirrigwarda l-mod u manjiera kif seħħ l-allegat abbuż fil-verzjonijiet kollha li hija tat matul is-snin. Illi ghalkemm huwa minnu illi hija ma tindikax bil-precizjoni d-dati u l-ħinjiet ta' kull inċident partikolari, madanakollu b'daqshekk ma jistax jinghad illi l-atti inkriminatorji ma sehhewx, iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi l-allegat abbuz beda meta l-vittma kellha biss l-eta ta' seba' snin u nfirex sa ftit zmien qabel hija rrappurtat lill-appellant. Illi l-Qorti tifhem illi minn eta' zghira l-bniedem jkun ghadu ma skopriex is-sesswalita' tieghu u jibda jesperimenta ftit, ftit, maz-zmien specjalment wara l-migja tal-puberta'. F'dan iz-zmien il-minuri ma kellhiex bizzejjed gharfien u resistenza biex twaqqaf dak li kien qed jigrielha iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi dan l-ghemil kien qed isir minn persuna li hija kellha fiducja fih bhala membru tal-familja taghha u li kien ukoll ghadu zghir fl-eta'. Illi huwa indubitat illi meta bdew it-tokkamenti l-appellant kien qed ifittex biex jistimula u jqajjem l-aptit u l-interess tal-minuri fis-sesswalita' taghha biex b'hekk kien qed jimbottaha prekoċement lejn attivita' fiżika sesswali, tant illi, kif tammetti fix-xiehda taghha, bdiet hija stess tfittxu sabiex tissodisfa dan l-aptit li beda jinbet fiha hekk kif bdiet tikber. Izda hekk kif tirrealizza illi dan l-agir huwa wiehed devjanti hija twaqqfu tant illi anke tistqarr illi bdiet issib skuzi biex ma tibqax tiffrekwenta l-appartament fejn kienet tghix in-nanna taghha.

Ikkunsidrat:

**35.** Illi esposti dawn il-fatti probatorji il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi bhall-Ewwel Qorti qabilha ma tista' ssib ebda mottiv li jista' jxejjen il-kredibilita' tal-minuri ghal motivi hawn fuq migjuba. Illi l-argumenti difensjonali mqanqla mill-appellant, u li kollha gew indirizzati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, lanqas ma jistghu jxejnu din il-verzjoni tal-fatti. Illi din il-Qorti ukoll qieset dawn l-argumenti tad-difiza serjatim u ghandu jinghad fir-rigward tal-istess is-segwenti:

**i.** Dwar il-kwistjoni tad-daqs tal-appartament fejn sehh l-allegat eghmil kriminuz, dan gie mistharreg mill-Ewwel Qorti *in situ.* Fil-fatt mill-verbal tal-access il-lanjanzi kollha tal-appellant gew indirizzati tant li ghalkemm l-abbuż kien ġieli jseħħ fil-kamra tas-sodda li tinsab kif tidħol fl-appartament u ghalkemm, kif jikkontendi l-appellant, l-ambjenti tal-kamra huma vizibbli anke mill-kamra tal-kcina minhabba fil-mera tas-*sottospecchio* li jinsab hdejn il-bieb ta' barra, madanakollu jirrizulta illi hemm certu ambjenti tal-kamra tas-sodda li ma jidhrux mill-ambjenti tal-kcina. Ukoll billi l-abbuz kien isehh fis-sodda taht il-friex u gieli bil-bieb maghluq, allura l-fatt wahdu illi l-ambjenti tal-kamra tas-sodda setghu jidhru mill-kcina ma jistax ixejjen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-minuri. Ma' dan jizdied illi r-reat tal-istupru, allegatament seħħ fil-kamra tal-bejt u mhux gewwa l-appartament, liema kamra ghalkemm kienet tissakkar b'katnazz, bic-ċwievet jinżammu miz-ziju tal-vittma u tal-appellant sabiex dan ikun jista' jaċċedi għal din il-kamra biex jagħlef l-għasafar li kellu hemmhekk, madankollu meta xehed dan iz-ziju huwa ma setax jeskludi li dawn ic-cwievet ma jkunux fil-pussess tieghu il-hin kollu. Il-vittma minn naha taghha tirrakonta illi hija ma kenitx taf minn fejn l-appellant ġab iċ-ċwievet fil-jum meta stupraha.[4] In oltre tajjeb illi jingħad ukoll illi skont dak li xehdet il-vittma l-abbużi in kwistjoni kienu jsiru prinċipalment fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar f'liema ħin il-familjari tagħha, li kienu jkunu fir-residenza tan-nanna, jkunu qedgħin jistrieħu. Illi anke f'dawk il-mumenti meta gie allegat illi kienu jkunu qed jsiru xi faċendi tad-dar, dan ma jeskludiex li sehhet l-attivita' sesswali kif imfisser mill-vittma. Kwindi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dak allegat mill-appellant dwar iċ-ċokon tal-appartament u dwar il-fatt illi kien ikun hemm diversi persuni fl-istess appartament matul l-hin fejn kien qed isehh l-allegat abbuż ma jirrendiex il-verzjoni tal-fatti tal-vittma bhala wahda inverosimili.

**ii.** Illi d-difiza tipprova tixhet dubbju wkoll fuq l-incident meta l-vittma giet stuprata. Illi l-Qorti ma tistax l-ewwel u qabel kollox ma tqiesx il-fatt illi meta sehh dan ir-reat il-minuri kien ghad kellha biss l-eta` ta' ghaxar snin.

[4] Ara x-xhieda ta' Marco Scicluna a folio 250 tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda mill-ġuri ta' nhar id-9 ta' Jannar 2019.

Kif inghad f'dan il-perijodu ta' zmien kienet ghadha mhijiex konxja tal-intenzjoni malizzjuza ta' kuginuha meta huwa kien jistedinha biex taghtih pjacir sesswali. In oltre ma hemm xejn inverosimili fir-rakkont tal-minuri meta hija tispjega fid-dettall dak li ghamel l-appellant u dak li hasset meta bil-membru virili erett tieghu huwa ippenetraha fil-parti privata taghha, tant illi mal-ewwel ghamlet reazzjoni ta' ugigh u l-appellant iddesista. Illi fiz-zmien meta sar l-access l-Ewwel Qorti setghet tikkonstata *in situ* l-ambjent fejn sehh l-allegat abbuz u osservat anke l-magna tal-ħasil li A timmensjona fix-xiehda taghha. Illi ghalkemm d-difiza tipprova tressaq l-argument illi ma hemmx prova illi kien hemm l-bidu tal-kongungiment karnali ghaliex l-minuri ma setatx tara x'kien l-oggett li bih hija giet ippenetrata billi kienet b'daharha lejn l-appellant, hija tinsisti illi l-oggett kien ikbar minn suba'. Mhux biss izda l-fatt illi l-appellant stess sikket lil kungintu meta din ghajtet bl-ugigh u iddeżista milli jkompli jippenetraha u qalilha biex tilbes biex jerġgħu jinżlu 'l isfel fl-appartament, jindika b'mod lampanti x'kienet l-intenzjoni tieghu meta stieden lil kugintu titla' mieghu fil-kamra tal-bejt. Illi ukoll, ghalkemm l-abbuz konsistenti f'tokkamenti biss kien isehh fl-ambjenti ta' isfel gewwa l-appartament, izda meta gie biex jipprova jaghmel l-att sesswali komplut, l-appellant stieden lil kugintu titla' fil-kamra ta' fuq il-bejt, kamra li kienet tinzamm imsakkra u li ma kenitx accessibbli ghal membri kollha tal-familja. In oltre kif tajjeb irrimarkat l-ewwel Qorti b'referenza għall-ġurisprudenza kopjuza in materja, sabiex ir-reat tal-istupru jissusisti huwa bizzejjed li jkun hemm il-bidu tal-kongungiment karnali minghajr il-kunsens tal-vittma, fatti li kollha gew ippruvati fil-kaz in dizamina, biex b'hekk l-elementi kollha li jsawwru r-reat tal-istupru jinsabu sodisfatti.[5] Il-Qorti tishaq illi f'dan il-kaz lanqas ma kien hemm il-htiega tal-prova medika sabiex jigi stabbilit l-att materjali tar-reat, kif tikkontendi d-difiza. Illi l-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza kopjuza li ghamlet referenza ghaliha l-Ewwel Qorti u a skans ta' repetizjoni, tagħmilhom tagħha. Jinghad biss illi gjaldarba l-abbuz sehh diversi snin qabel ma sar ir-rapport lil pulizija u tenut kont illi l-minuri kienet ghadha ta' eta` zghira meta possibbilment giet vjolata l-verginita' taghha, kwalunkwe ezami forensiku mediko-legali f'dan l-istadju ftit li xejn kien ikollu valur probatorju.

**iii**. Fir-rigward tal-linja difensjonali marbuta ma' kummenti illi allegatament saru mill-vittma fuq fil-*Facebook*, liema *posts* saru referenza għalihom mix-xhud C u gew ukoll mqieghda mid-difiza quddiem il-minuri meta xehdet in kontro-eżami, jinghad is-segwenti. Id-difiza tenfasizza illi dawn il-kummentti juru karattru konfidenti ħafna u personalita' inaffidabbli ta' persuna li tghid haga u tfisser ohra biex b'hekk iqanqlu dubbju dwar dak illi l-vittma tikkontendi meta tallega li giet abbuzata minn kuginuha. Id-difiza tishaqq kontinwament u ripetutament fuq il-

---

[5] '*...kull att sesswali li jinkludi l-icken bidu ta' konnessjoni karnali bl-inseriment forzat tal-pene maskili f'wahda mit-tlett orefici intimi tal-persuna – u cioè il-halq, il-vagina u l-anus kemm bejn nies tas-sess oppost, kif ukoll bejn dawk tal-istess sess'*. Ara s-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Alfred Schembri deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar il-25.10.2018 (ref. 180/2013). Ara wkoll Pulizija vs Omissis deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar il-4.9.2003 (ref. 51/2003).

kumment maghmul mill-minuri u li dwaru hija giet mistoqsija '***I have a heart of gold but this mouth....***' biex donnu timplika illi l-minuri ghandha vizzju tghid nofs veritajiet. Illi l-Qorti ma' tistax taqbel lanqas ma' din l-interpretazzjoni kif moghtija mid-difiza u dan ghaliex il-kumment gie imfisser mill-minuri meta mistoqsija in kontro-ezami fejn spjegat illi hija riedet tfisser illi għandha qalbha tajba iżda meta tirrabbja tgħid affarijiet li ma tfissirhomx u spjegat li tista' tkun '***sassy***'. Meta mitluba tispjega dan xi jfisser, A qalet illi għaliha tfisser '***with an attitude***'. Rigward l-ewwel kumment hija tkompli tispjega illi b'diskors li tgħid jista' jkun li tikxef xi sigriet zgħir li ma jkunx '***hurtful***'. Illi meta mistoqsija fuq ir-ritratt fil-profil tal-*Facebook* tagħha fejn tidher li qed tippoża bħallikieku qed tixrob minn ***straw***, tgħid ukoll illi hi ġieli ttella' ritratti tagħha fuq il-***facebook*** u ddum tieħu ritratti qabel tagħzel minnhom biex tippowstjhom fuq il-*facebook*, fatt li llum il-gurnata hija kwazi l-prassi ma'l-addolexxenti. Skont id-difiża dawn il-kummenti ma jindikawx illi l-minuri kellha *self-esteem* baxx kif donnha qed tipprova tagħti x'tifhem il-vittma, tant illi sahansitra kienet anke tippartecipa fl-izfin tal-karnival. Għal darb'oħra jingħad illi dawn il-kummenti u rimarki li d-difiza ripetutament taghmel referenza ghalihom ma jistghux ixejjnu l-veracita' tar-rakkont tal-minuri. Ma jistghu qatt jiskreditaw dak li tistqarr l-vittma kemm il-darba tul iz-zmien minn meta gew inizjati dawn il-proceduri. Illi mhux biss, izda meta tixhed in kontro-ezami A tkompli tfisser l-emmozzjonijiet taghha u t-tifsira wara dawn il-kummenti u allura d-difiza ma ghandha l-ebda bazi legali u fattwali li jistghu jaghtu xi tifsira differenti minn dik li taghti l-awtrici tal-kumment stess. Jinghad biss illi l-attitudni tal-vittma lejn l-esperjenzi ta' natura sesswali li hija ghaddiet minnhom minn taht idejn l-appellant ma jindikawx illi hija kienet giet trawmatizzata tant illi fiha nibtet xi biza' jew misthija tant illi hija tirrakonta illi ndunat illi dak li kien qed isehh kien hazin biss meta ghalqet l-eta' ta' hdax-il sena, x'aktarx fis-zmien meta bdiet il-puberta' u bdiet tiftah qalbha ma' shabha fuq is-sesswalita' taghha. Hemmhekk hasset li kellha tiftah qalbha sabiex tipprova trazzan l-imgieba tal-appellant fil-konfront taghha u ghaliex kienet bdiet tibza' li jimxi bl-istess mod ma' ohtha.

**iv**. Dwar ix-xiehda ta' E li d-difiża tisħaqq li għaġġel meta irrediġa u għadda r-rapport lill-awtoritajiet wara li l-vittma kellmitu fuq l-allegat abbużi subiti minnha, jinghad qabel xejn illi dak li jixhed dwaru x-xhud ma jistax jikkostitwixxi 'l hekk imsejjah *hearsay evidence* kif tallega id-difiza, billi E jista' jitqies biss bhala xhud ta' dak li rrakontatlu l-minuri u certament ma hux xhud tal-avvenimenti li wasslu ghal proceduri in dizamina u din ix-xiehda tista' tiswa biss sabiex jigi ezercitat kontroll fuq dak li tghid il-minuri fix-xiehda taghha. Illi l-Qorti tirreferi għad-deposizzjoni tax-xiehda dettaljata ħafna li rrilaxxja E fil-kors tal-ġuri fejn jidher li hu spjega l-passi illi ħa meta rinfaccjat bl-allegazzjonijiet maghmula mill-minuri A w ir-raguni li wasslitu sabiex jimxi b'urgenza biex jirraporta dawn il-fatti kriminuzi. Jistqarr li ghamel dan mhux biss biex ma jkunx hemm repetizzjoni tal-offizi izda ukoll sabiex ma jkunx hemm il-possibilita' li jkun hemm xi vittmi ohra. Inoltre x-xhud kellem lil minuri fil-kapacita'

professjonali tieghu f'iktar minn okkazzjoni wahda sabiex jaccerta ruhu minn dak li kien qed jigi allegat. Illi l-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-mod kif mexa x-xhud fil-kariga okkupata minnu gewwa l-iskola fejn kienet tattendi l-minuri u f'ebda mod ma naqas etikament jew professjonalment u dan ghaliex huwa certament ma ghandux xoghol ta' investigatur. Illi d-difiza tissenjala wkoll in-nuqqas ta' reticenza mill-minuri li tirrakonta l-esperjenzi taghha ta' natura intima konsistenti f'abbuz sesswali ma' *guidance teacher* tas-sess maskili bhal donnu trid timplika li hija ma ghandhiex misthija tas-sess. Illi frankament din il-Qorti ma tifhimx dan l-argument x'pern jista' jkollu fuq il-kredibbilta' o meno tal-vittma. Li huwa relevanti huwa l-fatt illi l-verzjoni moghtija lil dan il-*guidance teacher,* kienet fl-essenza taghha konsistenti ma' dak rakkontat lil pulizija u sussegwentement fid-deposizzjonijiet taghha fil-Qorti, fattur determinanti meta min hu imsejjah biex jiggudika jikkalibra l-veracita' tad-deposizzjoni kkoncernata.

**v**. Kwistjoni oħra illi tqajjmet mid-difiża fir-rikors tal-appell huwa dak li jigi deskritt bħala *badgering* fil-konfront tal-appellant mill-ufficjal investigattiv meta gie interrogat. F'dan ir-rigward il-Qorti kienet fortunatament moghnija b'registrazzjoni awdjo-viziva ta' dawn l-interrogazzjonijiet u allura kellha l-opportunita' li tosserva u tisma' dak li sehh matul l-interrogatorju tal-appellant fejn f'kull waħda minnhom hu jiċħad dak li tallega l-minuri fil-konfront tiegħu. Illi jinghad biss illi d-difiza fl-ebda hin ma kkontestat il-validita' ta' dawn l-istqarrijiet u ghalkemm hija timplika illi l-appellant gie ibbumbardjat b'mistoqsijiet ripetuti, madanakollu jidher illi baqa' ma cediex ghal ebda pressjoni li bdiet issirlu u baqa' jsostni c-cahda tieghu. F'din il-verzjoni tieghu tal-fatti, madanakollu, l-appellant ma jaghti ebda raguni wara r-rapport li sar kontra tieghu minn kugintu ghalkemm, kif inghad, jichad illi huwa kien abbuza minnha. Issa jidher illi matul l-interrogatorju, partikolarment l-ewwel wieħed, l-ispettur investigattiv Paula Ciantar ikkonfrontat lill-appellant b'dak illi allegat kontrih il-minuri u wara li semgħet dak li kellu xi jgħid iddikjarat mingħajr tlaqliq illi ma kinitx qed temmnu. Hemmhekk ipproċediet sabiex tagħmillu serje ta' domandi, xi uħud minnhom ripetuti, x'aktarx bit-tir illi l-appellant eventwalment jammetti dan l-għemil żieni, tattika investigattiva legittima u ghodda li tista' twassal lill-investigatur ghat-tikxif tal-verita'. Fl-ebda hin ma jidher illi l-appellant gie mhedded jew imbezza' tant illi kif inghad huwa jibqa' ma jcediex ghal pressjoni li kienet qed issir fuqu. Mhux biss izda l-iSpettur f'iktar minn okkazzjoni waqaf tistaqsi lill-appellant jekk jixtieqx l-assistenza ta' avukat u kienet lesta tissosspendi l-interrogazzjoni jekk huwa juri din ix-xewqa. Fil-fatt hekk sehh meta l-appellant irrilaxxja it-tieni stqarrija. Dan it-tieni interrogatorju jidher li sar wara li l-ufficjal investigattiv ikkonfrontat lil minuri fil-presenza ta' ommha b'din ic-cahda minn naha tal-appellant, fejn din baqghet isostni l-verzjoni taghha. Konsegwentement il-pulizija reġgħu bagħtu għall-appellant fejn għal darb'oħra infurmawh bid-drittijiet tiegħu u wara li kkonfrontawh bil-fatt illi l-minuri baqghet tinsisti illi kien sehh l-abbuz kif allegat, huwa xortawahda iddikjara li ma kienx ser ibiddel il-

verżjoni tiegħu tal-fatti. Kwindi anke dan l-ilment ma jisthoqqlux akkoljiment.

**vi.** Finalment id-difiża tagħmel elenku ta' xhieda illi fil-fehma tagħha l-prosekuzzjoni naqset milli tħarrek sabiex jikkoroboraw dak illi xehdet l-minuri. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensuri tal-appellant hija l-prosekuzzjoni li tiddeciedi liema huma dawk ix-xhieda li ghandha tressaq sabiex isahhah il-kaz taghha. B'dan ghalhekk illi mhijiex d-difiza li tista' tiddetta lill-parti avversarja x'provi ghandha taghmel. Illi hija, imbaghad, fid-diskrezzjoni ta' min hu imsejjah biex jiggudika illi jiddeciedi jekk il-prosekuzzjoni tkunx lahhqet il-grad ta' prova minnha mistenni u jekk dan ikun fin-negattiv, allura tirbah il-presunzjoni tal-innocenza li ssir certezza u l-akkuzat jigi liberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Fuq kollox xejn ma kien josta lid-difiza milli tressaq lil dawn ix-xhieda hija stess sabiex isahhah il-linja difensjonali taghha, haga li jidher li naqqset milli taghmel.

**36.** Illi sorvolati l-argumenti kollha imqanqla mid-difiza fir-rikors tal-appell, u wara li l-Qorti, kif inghad, ghamlet ezami akkurat tal-atti probatorji kollha fid-dawl tas-sentenza appellata, hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal sabiex tabbraccja l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-vittma bħala wahda kredibbli u dan kemm minħabba l-fatt illi hija dejjem baqgħet konsistenti fit-testimonjanza tagħha dwar l-inċidenti kollha ta'abbuz, inkluz u fuq kollox dak tal-istupru li ssubiet, u kif ukoll fid-dawl tal-komportament tax-xhud u l-atteġjament tagħha meta ddeponiet quddiem il-Qorti. Il-Qorti ma tista' ssib lanqas mottiv wiehed li seta' igieghel lil vittma tivvinta episodji ripetuti ta' abbuz sesswali mill-kugin taghha ghal medda twila ta' snin. Illi lanqas l-argumenti difensjonali ma jirnexxielhom ixejjnu din il-verzjoni tal-fatti u dan ukoll ghaliex l-appellant ma jirnexxielux jispjega dak li seta' wassal lil kugina tieghu tivvinta abbuz li beda sahansitra minn mindu hija kellha seba' snin. Fuq kollox l-vittma ma kienet ser tikseb l-ebda beneficcju bir-rakkont taghha hlief li dan wassal sabiex ir-relazzjonijiet ta' bejn dawn il-familji li gew effetwati minn din il-vicenda tkissru irrimedjabbilment.

Ikkunsidrat:

**37.** Illi dawn il-fatti probatorji wasslu sabiex l-appellant jigi mixli u misjub hati tar-reat tal-stupru vjolenti, partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' minorenni kif ukoll bil-korruzzjoni ta' minorenni fejn għalkemm f'dawn l-ahhar zewg akkuzi l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant bil-kontinwita' tar-reat fit-termini tal-artikolu

18 tal-Kodiċi Kriminali ma jidhirx illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet applikata mill-Ewwel Qorti fil-parti decizorja. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula l-Qorti tiddikjara li qed tikkonferma l-htija ghal dawn ir-reati billi wkoll l-elementi legali li jsawwruhom huma kollha ippruvati u a skans ta' repitizzjoni taghmel taghha r-referenza erudita maghmula mill-Ewwel Qorti ghal gurisprudenza in materja. Jinghad biss illi fl-ewwel lok b'referenza ghar-reat tal-istupru vjolenti l-bidu tal-kongungiment karnali huwa sufficjenti ghal konsumazzjoni tar-reat u dan kif hemm ravvizat fl-artikolu 206 tal-Kodici Kriminali. Illi tirrizulta il-presunzjoni ta' dritt illi r-reat ikun sar bi vjolenza fit-termini tal-artikolu 201(a) tal-Kodici Kriminali meta fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat il-vittma tkun għada m'għalqitx l-eta' ta' tnax il-sena.[6] Fit-tieni lok huwa indubitat illi l-appellant ikkometta atti ta' libidine meta pparteċipa f'attivitajiet sesswali mal-minuri A minn mindu kellha l-eta' ta' seba' snin, liema attivita' sesswali baqghet ghaddejja ghal xejn inqas minn seba' snin. Dan kien jikkonsisti f'tokkamenti f'orefici intimi kif ukoll f'masturbazzjoni kollha intizi ghal gratifikazzjoni sesswali, apparti l-istupru li sehh fuq il-minuri, kif inghad. Inkluż ukoll ma' dawn l-atti hemm l-inċident fejn il-minuri stess avviċinat lill-appellant u hajjritu jippartecipa f'attivita sesswali maghha fejn minkejja illi fil-każ ta' dan ir-reat il-vittma setgħet tat il-kunsens għal dawn l-atti u setgħet saħansitra instigathom hi, xortawhda tirrizulta r-reita' bl-appellant jippartecipa anke f'din l-okkazzjoni f'attivita sesswali ma' tifla ta' taht l-eta'. Finalment għal dak li jirrigwarda r-reat tal-korruzzjoni ta' minorenni, tajjeb illi jigi mfakkar l-insenjament tramandat fis-sentenza: 'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen', li ghalih issir referenza ukoll fis-sentenza appellata, fejn ġie ritenut illi:

> ***"All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. Whether there has been defilement or not is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which***

[6] *L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolenti - (a) meta jsir fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena; din id-disposizzjoni tal-ligi giet emendata permezz tal-Att XIII tal-2018 fejn il-presunzjoni ta' dritt tqies illi r-reat ikun akkompanjat bil-vjolenza giet sostiwtita bil-presunzjoni li l-kummissjoni tar-reat kien nieqes mill-kunsens.*

*has to be assessed by the prudent judge - the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case including, in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts. If the lewd acts are not apt to bring about a lesion of the moral intergrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts - for example, because he or she was, to some degree, already depraved - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement.*[7]

38. Illi fil-fehma tal-Qorti prova illi l-atti impudici kommessi mill-appellant wasslu ghal korruzzjoni tal-minuri huwa evidenzjat mill-fatt illi l-vittma wasslet finalment sabiex tavvicina lil bniedem li kien qed jabbuza minnha ghal gratifikazzjoni sesswali. Dan meta jitqies illi kif inghad l-abbużi sesswali bdew meta l-minuri kellha biss seba' snin, f'liema żmien l-appellant kellu sbatax-il sena u allura certament kien konxju ta' dak li kien qed jaghmel. Il-vittma f'dan il-kaz kienet tant ta' eta' tenera illi kien biss meta ghalqet hdax-il sena li skopriet l-estent u t-tifsira tal-atti ta' libidine kommessi minn kuginuha fil-konfront taghha.

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi kollha hawn fuq migjuba l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud u l-Qorti tikkonferma fl-intier taghha d-decizjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.**

Ikkunsidrat:

39. Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata fil-konfront tal-appellant ta' ghaxar snin prigunerija, li fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva. Illi ghalkemm id-difiza tikkoncedi illi l-Ewwel Qorti għamlet eżerċizzju akkurat ħafna f'dan ir-rigward fejn ikkunsidrat diversi fatturi pertinenti għac-cirkostanzi tal-każ u analizzat l-akkużi kollha kif imressqa, kif ukoll l-aggravji u l-pieni applikabbli, tenut kont tal-fatt illi dawn ir-reati seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi fil-liġi permezz tal-Att XIII tas-sena 2018, madanakollu tilmenta illi xortawahda kien hemm certu fatturi li ma ttiehdux in konsiderazzjoni fosthom, l-fatt illi l-appellant qatt ma uza vjolenza fizika fil-konfront tal-vittma tieghu, l-eta' tal-appellant fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar it-8 ta' Jannar 1996 kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano.

lilu addebitati fejn kien qrib il-minor eta', u finalment il-fedina penali tieghu kwazi netta. Mhux biss izda d-difiza targumenta illi l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-aspett riformattiv tal-piena biex b'hekk ma inholoqx dak il-bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv.

**40.** Issa minn qari tas-sentenza impunjata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti hadet kont ta' diversi fatturi meta giet biex tikkalibra l-piena, li *del resto* hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, fatt mhux ikkontestat mid-difiza. L-Ewwel Qorti qieset il-parentela li hemm bejn il-partijiet, l-eta' tenera meta beda l-abbuż u t-tul ta' żmien li dan baqa għaddej, ir-riperkussjonijiet li soffrew il-vittma u l-familja tagħha wara li ġie rrapurtat il-każ, it-trawma subita mill-minuri li ser tibqa' magħha tul is-snin li ġejjin, il-post fejn dawn l-abbużi seħħew, il-fatt li l-istupru seħħ darba biss u l-assorbiment tar-reati għal fini ta' piena skont dak dispost taħt l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali. Illi l-Ewwel Qorti, naqqset milli taghti z-zieda fil-piena minhabba fil-kontinwita' tar-reat, haga li kienet fid-diskrezzjoni taghha illi taghmel, ma zeditx l-piena ghal dawk l-aggravanti li kienu ghadhom ma dahhlux fis-sehh fil-ligi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, ghalkemm l-appellant kien gie akkuzat bl-istess. Ma jistax jinghad allura li l-piena erogata kienet tali illi ma taghmilx gustizzja, billi fittxet li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u ic-cirkostanzi attenwanti li seta' kien hemm.

**41.** Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders***
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
> ***(d) the protection of the public***
> ***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

**42.** Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-

hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

> **Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**
>
> ***' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'***
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad gap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> ***'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'***
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> ***'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'"***
>
> **Dan hu iktar il-kaz meta' skont Leo Page ga citat ikun kaz ta' reat '*so hurtful to the public*' li l-Qorti ghandha thares maggjorment lejn id-dover taghha '*to protect the community*' (p.9) – u ma jistax ikun hemm dubbju li x-xorta ta' reat prezenti[8] hi ta' pjaga mill-iktar horox.[9]"**

**43**. Illi ghalkemm huwa minnu illi fiz-zmien meta beda l-abbuz l-appellant kellu l-eta ta' sbatax-il sena u allura kien ghadu minorenni, madanakollu billi l-atti impudici baqghu ghaddejjin tul medda ta' seba' snin, certament l-appellant kien lahaq il-maggior eta' meta kompla fl-agir inkriminatorju tieghu. Mhux biss, izda meta sehh l-istupru fuq il-minuri, l-appellant kellu l-eta' ta' kwazi ghoxrin sena u allura ma kienx minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat. Illi huwa minnu wkoll illi l-appellant kien ghadu fl-addolexxenza meta kkometta r-reati lilu addebitati, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dan il-guvni beda jabbuza minn tifla tal-eta ta' seba' snin, u kompla jippersisti fl-agir tieghu ghalkemm beda jikber u allura kellu jkun responsabbli bizzejjed li jifhem li dak li kien qed jaghmel kien hazin. Mhux biss izda l-atti impudici tieghu wasslu sabiex

[8] Il-kaz kien jitratta fost akkuzi ohra il-korruzzjoni ta' minorreni
[9] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino hawn fuq iccitat

fl-ahhar meta l-minuri ghalqet ghaxar snin huwa sahansitra ipprova jaghmel l-att sesswali komplut maghha. Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena kif erogata ghandha tibqa' mhux mittiefsa.

44. Jinghad biss illi l-Ewwel Qorti errat meta ghaddiet biex tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-appellant. Dan ghaliex tali Ordni tista' tinhareg biss fil-konfront ta' persuna "akkuzata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "hatja" u dan fit-termini tal-istess disposizzjoni tal-ligi. Illi l-Qorti ghandha s-setgha biss illi mad-decizjoni finali taghha tordna il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt ghamlet l-Ewwel Qorti (ghalkemm erronjament tali Ordni hija ndikata ukoll bhala Ordni ta' Protezzjoni) biex b'hekk ma kienx hemm in-necessita' illi tinhareg ukoll l-Ordni ta' Protezzjoni.

**Ghaldaqstant dan l-aggravju ukoll qed jigi michud.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddecidi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi madanakollu qed tordna r-revoka tal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.**

**Tordna illi l-isem tal-ħati jkun inkluż fil-lista ta' pedofili ai termini tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna wkoll illi isem l-hati u l-vittma ma jixxandrux f'kull mezz tax-xandir u fil-gazzetti lokali u dan ghal protezzjoni tal-minuri u l-familja taghha.**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMHALLEF EDWINA GRIMA**